# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D

**Rikors Guramentat: 699/2016**

**Illum 17 ta' Frar, 2017**

**Cit. nru. 710/91NA**

**Anthony Vassallo (K.I. 825847(M)**

**Vs**

**Alfred S. Azzopardi ghan-nom u in rapprezentanza tal-British Insurance Brokers Limited (deciza 21/04/1999)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors datat 16 ta' Awwissu, 2016 fejn intalab illi bis-sahha ta' l-artikolu 258 tal-kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta huwa jkun jista jghaddi ghal ezekuzzjoni ta' sentenza fl-ismijiet suriferit liema kawza giet deciza fil-21 ta' April, 1999. Inghad ukoll fl-istess rikors illi ma gie ntavolat ebda appell minn l-istess gudikat

u li kienet b'hekk tikkostitwixxi titolu ezekuttiv a tenut ta' l-artikolu 253(a) ta-Kap 12;

Rat lir-rikors in ezami kien debitament guramentat;

Rat li ghalkemm dan ir-rikors gie notifikat lil kontro parti ma giet intavolatat ebda risposta minnu;

Semghet it-trattazzjonijiet;

Semghet ix-xhieda tar-rikorrenti lli kkonferma lis-somma dovuta lilu skont il-gudikat imsemmi ghada hekk dovuta *n toto*. Qal ukoll illi tul il-mori taz-zmien huwa kien presenta protest gudizzjarju biex jikkawtela d-drittijiet tieghu ghal-hlas.[1]

Ikkonsidrat;

Fir-rigward ta' din it-talba l-Qorti se taghmel referenza ghal insenjament tal-Prim' Awla Qorti Civili f'decizjoni fl-ismijiet **Bank of Valletta p.l.c. vs Francis Bezzina Wettinger pro. et nom**. et. deciza fl-10 ta' Dicembru, 2007 fejn inghad:

***"D1. Il-Kap 12 Artikolu 258 jghid:***

*Wara*

*"(a) l-gheluq ta' ghaxar snin minn dak in-nhar li fih skond il-ligi it-titolu ezekuttiv imsemmi fil-paragrafu (a) , (c) u (d) ta' l-artikolu 253, rigward sentenzi u digrieti tal-Qrati Superjuri seta' gie esegwit; jew,…*

[1] Dok AV u Dok AV1.

*l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba maghmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrent ghandu wkoll jikkonferma bil-gurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni taghha, u li d-dejn jew parti minnu jkun ghadu dovut."*

*Fis-sentenza moghtija minn din il-qorti (Imh R Pace) fil-kawza fl-ismijiet* ***HSBC Bank Malta p.l.c. vs John Dalli*** *et deciza fit-18 ta' April, 2002 inghad:*

*"Illi minn dan jidher li l-unika ezami li ghandha taghmel l-istess Qorti ghall-akkoljiment tal-istess rikors huwa biss li tindaga u taccerta ruhha dwar l-esistenza tal-istess titolu ezekuttiv, u li l-ammont hekk kanonizzat jew parti minnu huwa dovut, u dan tramite l-konferma bil-gurament tal-istess rikorrenti. Fil-fatt xejn izjed ma huwa rikjest skond l-istess artikolu, lanqas in-notifka lill-kontro-parti, u wisq inqas li l-istess rikors jigi appuntat ghas-smiegh."*

*"Illi din il-Qorti tirreferi fl-ewwel lok ghal dak li inghad fid-decizjoni fl-ismijiet* ***"Joseph Perici Calascione vs Mario Fenech"*** *(P.A. (RCP) 12 ta' Dicembru 2000) u cioe' li:*

*""Li l-Qorti thoss li apparti l-fatt li l-unika konsiderazzjoni li ghandha taghti din il-Qorti f'procedura bhal din, hija biss dwar l-ezekuzzjoni tas-sentenza u l-ezistenza tal-istess sentenza, u wkoll li tordna l-ezekuzzjoni tas-sentenza biss ghall-ammont kanonizzat li jkun ghadu ma thallasx…"*

Applikati dawn il-principji gurisprudenzjali u wara li rat illi r-rikorrenti ssodisfa kull kriterju mitlub qeghda tilqa it-talba ai terminu ta' l-artikolu 258 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u tawtorizza lir-rikorrenti Anthony Vassallo jezegwixxi is-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tal-21 ta' April, 1999 fl-ismijiet suriferiti sabiex jottjeni l-pagament hekk kanonizzat.

Spejjez a karigu tal-konvenuti.

**Miriam Hayman**

**Imhallef**

**John Muscat**

**Deputat Registratur**